



Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10621/19

CONOP 66
CODUN 14
CFSP/PESC 514

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	25 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tal-projbizzjoni kontra l-mini kontra l-persunal fid-dawl tar-raba' Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal mill-25 sad-29 ta' Novembru 2019 f'Oslo - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2019)
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE dwar it-tisħiħ tal-projbizzjoni kontra l-mini kontra l-persunal fid-dawl tar-raba' Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal mill-25 sad-29 ta' Novembru 2019 f'Oslo, adottati mill-Kunsill fit-3703 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Ġunju 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR POŻIZZJONI TAL-UE DWAR IT-TISĦIĦ
TAL-PROJBIZZJONI KONTRA L-MINI KONTRA L-PERSUNAL FID-DAWL
TAR-RABA' KONFERENZA TA' REVIŻJONI GĦALL-KONVENZJONI DWAR
IL-PROJBIZZJONI TAL-MINI KONTRA L-PERSUNAL MILL-25
SAD-29 TA' NOVEMBRU 2019 F'OSLO**

1. L-Unjoni Ewropea hija magħquda fl-appoġġ tagħha għall-projbizzjoni universali tal-mini kontra l-persunal. L-UE tappella lill-atturi kollha biex iżommu lura mill-produzzjoni, il-kumulazzjoni, il-kummerċ u t-trasferiment ta' mini kontra l-persunal u tikkundanna bil-qawwa l-użu tagħhom fi kwalunkwe post, fi kwalunkwe ħin, u minn kwalunkwe attur, kemm jekk atturi Statali jew mhux Statali. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jqis il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulazzjoni, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini Kontra l-Persunal u fuq id-Distruzzjoni Tagħhom (minn hawn 'il quddiem il-Konvenzjoni) bħala strument ewlieni ta' diżarm li għalih iridu jiġu garantiti l-integrità, l-implimentazzjoni sħiħa u l-applikazzjoni stretta tiegħu u trid tiġi segwita l-konformità universali tiegħu. L-UE thegġegħ lill-Istati li għadhom m'għamlux dan biex jissiehu mal-Konvenzjoni mingħajr dewmien, jew, bħala pass intermedju, biex jikkonformaw man-normi tal-Konvenzjoni.
2. Ghoxrin sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Kunsill iqis li l-Konvenzjoni saret storja ta' suċċess ta' diplomazija dwar id-diżarm u eżempju ta' dak li tirrappreżenta l-UE: ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, imsejsa fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali. Il-Konvenzjoni tgħaqqad flimkien norma globali b'saħħitha b'riżultati impressjonanti rigward id-distruzzjoni ta' mini kontra l-persunal maħżuna, it-tneħħija ta' art ikkontaminata mill-mini u d-dispożizzjoni tagħha li kull Stat Parti, f'pożizzjoni li jagħmel dan, għandu jipprova għajnuna rilevanti lill-vittmi tal-mini li għandha tiġi integrata f'politiki, pjanijiet u oqfsa legali nazzjonali usa'. Il-Konvenzjoni ġġenerat impatt pożittiv konsiderevoli u li jista' jitkejjel fuq il-protezzjoni umanitarja, l-istabbilizzazzjoni, l-iżvilupp u d-diżarm madwar id-dinja, li jikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u għall-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-objettivi tal-Konvenzjoni għadhom ma nkisbux kompletament. Il-kontaminazzjoni mill-mini kontra l-persunal qed tkompli tikkawża ħsara, tnissel biża', iċċaħħad l-aċċess, timpedixxi l-iżvilupp soċjoekonomiku u twaqqaf lir-refuġjati u lin-nies spostati internament milli jirritornaw lura f'pajjiżhom. Il-piż imqiegħed minn mini kontra l-persunal u fdalijiet esplożivi tal-gwerra fuq l-individwi, il-familji, il-komunitajiet, ir-reġjuni u l-Istati għadu għoli u inaċċettabbli. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar l-impatt kontinwu tal-kontaminazzjoni eżistenti u l-kontaminazzjoni ġdida fuq skala kbira minn mini kontra l-persunal improvviżati f'pajjiżi bħall-Iraq, il-Libja u s-Sirja.
4. Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma donaturi ewlenin ta' assistenza għall-azzjoni kontra l-mini madwar id-dinja, billi jappoġġaw it-tneħħija tal-mini, l-edukazzjoni dwar ir-riskju tal-mini, l-ġhajjnuna lill-vittmi, id-distruzzjoni tal-ħażna, il-bini ta' kapaċità u r-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġija għas-sejbien u t-tneħħija tal-mini. Mill-aħħar Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni fl-2014, l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw aktar minn EUR 500 miljun f'assistenza għall-azzjoni kontra l-mini f'aktar minn 30 pajjiż affettwati mill-mini.
5. Il-Kunsill ifakkar fil-kontribut ipprovdut lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2017/1428/PESK b'appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Maputo u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-UE 2012/700/PESK b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Kartaġena. Din id-Deċiżjoni ppermettiet li l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tassisti lill-pajjiżi affettwati mill-mini biex jistabbilixxu jew jaġġornaw strateġiji nazzjonali ta' azzjoni kontra l-mini, f'kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, u ma' donaturi u partijiet ikkonċernati oħra.

6. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu lejn ħafna sħab u partijiet ikkonċernati li kkontribwew għall-iżvilupp tal-Konvenzjoni u s-suċċessi tagħha ta' dawn l-aħħar għoxrin sena, inkluż l-Istati Parti kollha, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, is-Soċjetà Ċivili, ir-riċerkaturi, u d-donaturi u l-operaturi kollha tal-azzjoni kontra l-mini. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill jirrikonoxxi, fost oħrajn, l-isforzi li saru mill-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, u l-Kampanja Internazzjonali għall-Projbizzjoni tal-Mini tal-Art. Il-Kunsill jixtieq b'mod partikolari jonora l-kuraġġ u d-determinazzjoni ta' dawk li jneħħu l-mini madwar id-dinja li qed jaħdmu biex jergħu jagħmlu l-art aċċessibbli u sikura, u jixtieq jikkommemora lil dawk li tilfu ħajjithom filwaqt li kienu qed jagħmlu dan ix-xogħol nobbli. Il-Kunsill jawgura lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni għall-ħidma b'saħħitha u imprezzabbli tagħha. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jissottolinja s-sħubija b'saħħitha u l-kooperazzjoni eċċellenti bejn in-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-azzjoni kontra l-mini.
7. Il-Kunsill jilqa' r-Raba' Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni li jmiss, li ser issir f'Oslo bejn il-25 u d-29 ta' Novembru 2019, bħala opportunità biex jiġi rivedut il-progress, jiġu affermati mill-ġdid l-impenji u tiġi ġġenerata spinta għal aktar universalizzazzjoni u tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kunsill iqis li l-Konferenza ta' Reviżjoni għandha tinkoraġġixxi djalogu miftuħ u kostruttiv bejn l-Istati Parti u tinvolvi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġu diskussi l-isfidi attwali u futuri u jitħaffef il-progress lejn il-kisba tal-għan komuni ta' dinja ħielsa mill-mini kontra l-persunal sal-2025. Il-Kunsill jilqa' l-proposta mill-Presidenza Norveġiża biex ikun hemm ħidma lejn tliet dokumenti ta' eżitu ta' konsensus: Reviżjoni tal-Operazzjoni u l-Istatus tal-Konvenzjoni, Pjan ta' Azzjoni dwar l-implimentazzjoni futura u l-universalizzazzjoni (il-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo), u Dikjarazzjoni Politika (id-Dikjarazzjoni ta' Oslo).
8. Elaborazzjoni tal-oġġettivi tal-UE għall-eżitu tal-Konferenza ta' Reviżjoni tista' tinstab fid-dokument ta' pożizzjoni fl-Anness I.

**DOKUMENT TA' POŻIZZJONI TAL-UE GĦAR-RABA' KONFERENZA TA' REVIŻJONI
GĦALL-KONVENZJONI FUQ IL-PROJBIZZJONI TAL-UŻU, IL-KUMULAZZJONI,
IL-PRODUZZJONI U T-TRASFERIMENT TA' MINI KONTRA L-PERSUNAL U FUQ
ID-DISTRUZZJONI TAGĦHOM MILL-25 SAD-29 TA' NOVEMBRU 2019 F'OSLO**

L-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi b'mod kostruttiv għal eżitu ta' kunsens b'suċċess tal-Konferenza ta' Reviżjoni għall-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Mini kontra l-Persunal, u b'hekk twettaq l-inklużjoni tal-elementi li ġejjin fit-tliet dokumenti ta' eżitu previsti: (1) ir-Reviżjoni tal-Operazzjoni u l-Istatus tal-Konvenzjoni, (2) id-Dikjarazzjoni Politika u (3) il-Pjan ta' Azzjoni.

1. Fir-rigward tar-Reviżjoni tal-Operazzjoni u l-Istatus tal-Konvenzjoni:

- i. Taħdem għal reviżjoni dettaljata tal-istatus ta' implimentazzjoni tal-obbligi tal-Konvenzjoni sa mit-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni fl-2014, u tibni fuq il-ħidma preparatorja tal-Kumitati tal-Konvenzjoni, biex b'hekk jawguraw lill-Istati Parti li jkunu ssodisfaw l-obbligi tagħhom mill-aħħar Konferenza ta' reviżjoni u tistieden lill-Istati Parti biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom u jkomplu jaħdmu lejn dinja ħielsa mill-mini;
- ii. Tidentifika l-isfidi ta' implimentazzjoni li ġew issodisfati mill-Istati Parti;
- iii. Tirrevedi l-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tappoġġa l-isforzi u l-proposti biex itejbuh fejn meħtieġ, b'mod effiċjenti u bi qbil mal-konvenzjoni;
- iv. Tilqa' Stati Parti ġodda;
- v. Tfaħħar il-ħidma tal-Kumitati tal-Konvenzjoni u tal-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni;
- vi. Titlob li jsiru sforzi biex ikun sostnut u ipprovdut finanzjament ġdid għal azzjoni kontra l-mini, inkluż permezz ta' finanzjament innovattiv;

- vii. Tistieden lill-Istati Parti b'arretrati għal kontribuzzjonijiet ivvalutat għall-Konvenzjoni biex isolvu dan, filwaqt li tissottolinja li impenn politiku għall-Konvenzjoni għandu jkun appoġġat minn impenn finanzjarju u thegħeġ lill-Istati Parti li jinsabu f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jipprovdu kontribuzzjonijiet volontarji lill-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni;
- viii. Tistieden lill-Istati Parti jikkonformaw mal-obbligi ta' rappurtar tagħhom skont l-Artikolu 7.

2. Fir-rigward tad-**Dikjarazzjoni Politika ta' Oslo**:

- i. Timpenja ruħha għal ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, b'għeruw fir-rispett tad-Dritt Internazzjonali, inkluż il-Liġi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Liġi Umanitarja Internazzjonali, u appoġġ għal djalogu multilaterali kontinwu dwar id-diżarm;
- ii. Tafferma mill-ġdid l-ambizzjoni u l-aspirazzjoni tad-Dikjarazzjoni tat-Tielet Konferenza ta' Reviżjoni f'Maputo sabiex jintlaħaq bl-aktar mod sħiħ l-għan ta' dinja ħielsa mill-mini u vittmi ġodda tal-mini sal-2025;
- iii. Timpenja ruħha li timplimenta l-Konvenzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo u tissottolinja l-importanza ta' konformità sħiħa;
- iv. Tissottolinja l-importanza ta' sħubijiet mal-atturi kollha tat-tneħħija tal-mini, inkluż mas-soċjetà ċivili;
- v. Timpenja ruħha għan-norma kontra l-mini kontra l-persunal ("qatt u taħt l-ebda ċirkustanza m'għandhom jintużaw mini kontra l-persunal");
- vi. Tikkonferma li apparat esplożiv improvviżat (IEDs) li jissodisfa d-definizzjoni tal-Konvenzjoni ta' mina kontra l-persunal, jaqa' taħt l-obbligi tal-Konvenzjoni.
- vii. Tissottolinja li azzjoni kontra l-mini tista' tippermetti l-iżvilupp soċjoekonomiku, it-tiswir tal-paċi u l-istabbilizzazzjoni;
- viii. Timpenja ruħha biex tqis il-ġeneru biex tikseb riżultati fl-aspetti kollha tal-azzjoni kontra l-mini.

3. Fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Oslo:

- i. Tindirizza l-aspetti kollha tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, inkluż l-universalizzazzjoni, id-distruzzjoni tal-kumulazzjoni, it-tneħħija tal-mini, l-għajnuna lill-vittmi, il-kooperazzjoni u l-assistenza, il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni, it-trasparenza u r-rappurtar;
- ii. Tissottolinja li l-azzjoni kontra l-mini tappoġġa l-isforzi fil-qasam tas-sigurtà u dawk umanitarji, l-istabbilizzazzjoni, u l-iżvilupp soċjoekonomiku, kif ukoll ir-ritorn tar-refuġjati u l-appoġġ integrat għall-vittmi tal-mini;
- iii. Tilqa' l-Istrateġija l-ġdida tan-NU dwar Azzjoni kontra l-Mini u tiegħu nota tal-Aġenda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Diżarm f'dan il-kuntest;
- iv. L-Istati Parti għandhom jimpenjaw ruħhom mill-ġdid biex jagħmlu użu mis-sinerġiji ma' strumenti rilevanti oħra tal-liġi umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali, inkluż potenzjalment il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.
- v. Tikkonferma li mini kontra l-persunal ta' natura improvviżata għandhom jitneħħew permezz ta' azzjoni kontra l-mini skont l-obbligi eżistenti;
- vi. Opzjonijiet li jistgħu jinkisbu biex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:
 - l-użu dejjem jiżdied ta' mini kontra l-persunal ta' natura improvviżata u kif dawn jiġu indirizzati permezz ta' azzjoni umanitarja kontra l-mini: fost l-oħrajn it-tneħħija tal-mini, l-issodisfar tal-obbligi ta' rappurtar eżistenti dwar il-post, it-tip u l-kwantità ta' kontaminazzjoni, dwar l-appoġġ rilevanti lill-vittmi f'konformità mal-Konvenzjoni, kif ukoll dwar l-attivitajiet ta' Tnaqqis tar-Riskju tal-Mini u l-Edukazzjoni dwar ir-Riskju tal-Mini;
 - l-isfidi speċifiċi għall-metodi u t-teknoloġiji ta' azzjoni kontra l-mini fl-ambjenti urbani, skont l-istandards eżistenti;
 - ir-riskju li tintesa l-kontaminazzjoni mill-mini ta' legat/storiċi;
 - impenn foqasma oħra għall-integrazzjoni ta' għajnuna lill-vittmi f'politiki u programmi nazzjonali soċjali u tas-saħħa usa'.

vii. Jìgu applikati l-prinċipji li ġejjin:

- Jìgi promoss impenn mill-Istati Parti kollha biex jimplimentaw bis-sħiħ u jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni;
- It-trasparenza;
- Ir-responsabbiltà, l-effettività u l-effiċjenza;
- L-inklużività: l-involvement tal-partijiet ikkonċernati kollha;
- Is-sjieda nazzjonali u lokali;
- Jitqiesu l-Ġeneru u t-tisħiħ tal-pożizzjonijiet taż-żgħażaġh u tan-nisa, permezz ta' azzjonijiet xierqa;
- In-nondiskriminazzjoni, inkluż approċċ inklużiv u integrat għall-għajnuna lill-vittmi.

viii. Jìgu promossi l-aħjar Prattiki bħal:

- Il-pajjiżi affettwati jippjanaw it-tlestija tagħhom permezz ta' strateġiji nazzjonali dettaljati u aġġornati dwar l-azzjoni kontra l-mini;
- Il-konformità tat-terminoloġija u l-proċeduri ta' azzjoni umanitarja kontra l-mini mal-Istandards Internazzjonali għal Azzjoni kontra l-Mini (IMAS);
- Il-konformità ta' terminoloġija u proċeduri dwar it-tneħħija tal-mini f'kuntest mhux umanitarju ma' standards internazzjonali, bħall-Istandards għar-Rimi tal-IED tan-NU;
- Kooperazzjoni u djalogu mtejbja bejn id-donaturi u l-pajjiżi affettwati u l-koordinazzjoni tad-donaturi appoġġata mill-format tal-Approċċ Indivdwalizzat u tas-Sħubiji għat-Tlestija.
- Koordinazzjoni mtejbja tad-donaturi appoġġata minn formats ta' djalogu bħall-Grupp ta' Appoġġ għal Azzjoni kontra l-Mini, il-Laqqgħat tad-Diretturi tal-Azzjoni tan-NU rigward l-Mini, u formats ad hoc li jinvolvu l-istati donaturi, l-UE, in-NATO, in-NU u organizzazzjonijiet reġjonali u multilaterali oħra.

- ix. Jiġu enfasizzati l-effetti multiplikaturi u katalisti tal-azzjoni kontra l-mini u l-konformità mal-Konvenzjoni:
- fl-appoġġ tal-isforzi barra l-konvenzjoni, immirati lejn ir-rikonċiljazzjoni u l-bini tal-fiduċja bejn għedewwa preċedenti;
 - għall-appoġġ ta' sforzi usa' mmirati lejn ir-ritorn ta' persuni spostati internament;
 - għall-appoġġ ta' approċċ integrat minn gruppi emarġinati u l-kwistjoni ta' diżabilità li qed tiġi indirizzata fi sforzi nazzjonali usa' ta' appoġġ.
- x. Jiġu appoġġati approċċi innovattivi bħal finanzjament u mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda għall-assistenza ta' azzjonijiet rigward il-mini.
-